# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 14.**
**Citazz. Nru. 2179/00 JRM**

**Alfred BUTTIGIEG**

**vs**

**Nazzareno sive Terry ABELA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur biegh vettura tal-marka BMW, b'numru tar-registrazzjoni HAM 269, lill-konvenut versu l-prezz ta' elfejn lira maltija (Lm2,000), kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok "A";

Illi l-konvenut hallas biss elf lira maltija (Lm1,000) akkont tal-prezz u ghad fadal il-bilanc ta’ elf lira maltija (Lm1,000);

Illi ghalkemm l-istess konvenut obbliga ruhu li jhallas il-bilanc ta’ elf lira maltija (Lm1,000) u li jghaddi ghall-iffirmar tad-dokumenti relattivi ghat-trasferiment tal-istess vettura, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat sabiex jaddivjeni ghall-iffirmar tal-istess dokument ta’ trasferiment u ghall-hlas tal-bilanc dovut huwa baqa’ inadempjenti;

Illi dan kollu qed jikkawza danni lill-attur;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf lira maltija (Lm1,000) bilanc ta’ prezz ta’ vettura tal-marka BMW, b’numru tar-registrazzjoni HAM 269, liema vettura l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut;

2. Tiddikjara li bl-agir, ossia nuqqas tieghu, l-konvenut irreka danni lill-attur;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-imsemmi agir tal-konvenut;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

5. Tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat illi jersaq ghall-iffirmar tad-dokumenti relattivi dwar it-trasferiment tal-istess vettura;

6. Tikkundanna lill-konvenut jersaq ghall-iffirmar tad-dokumenti relattivi ghall-bejgh u trasferiment tal-vettura u fin-nuqqas tal-

istess konvenut tappunta kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-iffirmar tal-istess dokument f'gurnata, hin u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Settembru, 2000 u bl-imghaxijiet legali dekorribili mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur flimkien mad-dokument mehmuz maghha;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' ecezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghet l-Avukat ta'l-attur;

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta' Mejju, 2001, li bih tat lill-imharrek il-fakolta' li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet skond l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 sa mhux izjed tard mill-31 ta' Mejju, 2001, liema Nota l-imharrek naqas li jressaq;

Rat il-verbal tal-avukat tal-attur tal-10 ta' Mejju, 2001, li bih l-attur ma baqax jinsisti izjed fuq it-tieni, ir-raba' u l-hames talbiet tieghu;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talbiet li fadal dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur** kif dedotta fic-citazzjoni u tikkundanna lill-imharrek ihallsu s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) kif hemm imfisser;

Tastjeni milli tqis it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet tal-attur, li huwa ma baqax jinsisti fuqhom, kif fuq inghad;

**Tilqa' l-hames talba attrici** u tiddikjara li l-imharrek huwa obbligat jersaq ghall-iffirmar tad-dokumenti relativi ghat-trasferiment tal-vettura;

**Tilqa' s-sitt talba attrici** u tikkundanna lill-imharrek jersaq sabiex jiffirma d-dokumenti kollha mehtiega ghat-trasferiment tal-vettura, u dan ghandu jsir fid-Dipartiment inkarigat mir-registrazzjoni tal-vetturi nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju, 2001, fl-10.30 a.m;

Ghall-finijiet tal-istess sitt talba, il-Qorti qeghda tahtar lill-Avukat Dottor Michael Spiteri bhala kuratur tal-kontumaci dwar l-imsemmi trasferiment; u

Tikkundanna lill-imharrek li jhallas l-ispejjez tal-kawza kwantu jolqtu t-talbiet maqtugha kontra tieghu.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Gunju, 2001.**